MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru 846/2013

**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**WALLACE FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Wallace Falzon ta' 33 sena, bin Joseph u Annetta nee' Mallia, mwieled fl- 1 ta' Novembru 1979 San Giljan, residenti gewwa St Joseph Court, Flat 52, Triq l- Imhar, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 121880M;

Talli nhar l- 1 ta' Settembru 2013 ghall- habta tal- 03.50am gewwa Amazonia, Dawret il- Gzejjer, San Pawl il- Bahar;

1) Volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Mbock Bapack bin- numru tal- passaport Taljan 103638617, skont kif iccertifika Dr James Vella Reg. No. 5580 gewwa Mater Dei;
2) Aktar talli fl- istess data, hin lok u cirkostanzi hebb ghal Mbock Bapack sabiex jingurjah, idejqu u jodorbu;
3) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguan lil Mbock Bapack jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih;
4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il- bon ordni bi glied u storbju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Awwissu u l-1 ta’ Settembru, 2013, l-imputat kien qieghed fi stabbiliment kummercjali fil-Qawra maghruf bhala Amazonia. F’xi hin dahlu zewg persuni ta’ nazzjonalita’ Taljana, u staqsew xi informazzjoni lill-istaff tal-istabbiliment. Jidher li qam xi dizgwid bejn is-securities tal-Amazonia u dawn iz-zewg barranin. F’hin minnhom l-imputat qam mil-mejda fejn kien u xejjer idu lejn wiehed minnhom, bil-konsegwenza li laqtu. It-taljani marru ghamlu rapport lill-Pulizija, fejn gie identifikat l-imputat. Dan gie arrestat u ttiehdet stqarrija tieghu, u suusegwentement gie mressaq il-Qorti b’arrest. B’hekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Mill-provi prodotti, ma hemm ebda dubju li kien l-imputat li ta daqqa ta’ ponn lil wiehed mill-barranin. L-offiza, ghalkemm fic-certifikat tnizzlet bhala gravi, ma halliet ebda konsegwenza lil Mbock Bapack, u ma gie indikat li kien hemm frattura fl-ghadam tal-imnieher jew tal-wicc. Dan setghet tarah anke il-Qorti de visu, meta xehed il-vittma. Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li l-imputat, b’reazzjoni ghall-imgieba ta’ Bapack, qam u xejjer daqqa ta’ ponn fid-direzzjoni tieghu, izda l-konsegwenzi kienu de minimis. L-incident innifsu ma damx aktar minn minuta jew ftit aktar, u jidher li d-dizgwid qam qabel ma intervjena l-imputat. Kemm Bapack kif ukoll siehbu xehdu li huma riedu biss ikunu jafu d-direzzjoni ghal stabbiliment iehor, u ghalhekk biss dahlu gewwa l-Amazonia, biex jistaqsu lis-securities t’hemmhekk minn fejn kellhom ighaddu biex imorru band’ohra. Min-

naha l-ohra, ix-xhieda qalu li dawn iz-zewg barranin riedu jidhlu bil-fors gewwa l-Amazonia meta dan kien qed jaghlaq. Kienet x'kienet ir-raguni ghalfejn qam argument mal-barranin, zgur ma kienx tort tal-imputat. Hu intervjena wara li kien qam l-argument.

Ghalhekk, l-imputazzjonijiet tal-hebb, tal-biza' li tintuza vjolenza – ma kien hemm ebda "course of conduct" ippruvat, izda din l-imputazzjoni saret standard kull meta jkun hemm argument bejn tnej min-nies – kif ukoll l-imputazzjoni tal-ksur tal-buon ordni ma jirrisultawx ippruvati.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-qorti ma tarax li hemm l-estremi ta' piena li tirrestringi l-liberta', izda sejra tapplika sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 218(1)(b) u (2), 251B (1), 339 (1)(d), 338 (dd), 17, 31 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal- ewwel (1) akkuza, b'dan illi l-offizi kienu ta' natura hafifa ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9, u ghaldaqstaqnt tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibux hati tat- tieni (2), it- tielet (3) u r- raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------